

## I

(Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet)

## RIŻOLUZZJONIJIET

## KUNSILL

## RIŻOLUZZJONI TAL-KUNSILL

tas-16 ta' Novembru 2007

dwar **Aġenda Ewropea għall-Kultura**

(2007/C 287/01)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

- 1) Filwaqt li jfakkar l-oġġettivi assenjati lill-Komunità Ewropea, b'mod partikolari mill-Artikolu 151 tat-Trattat,
- 2) Filwaqt li jirreferi għad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' l-UNESCO dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità ta' l-Espressjonijiet Kulturali,
- 3) wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-10 ta' Mejju 2007 dwar Aġenda Ewropea għall-Kultura f'Dinja li qed tiġi Gglobalizzata <sup>(1)</sup>,
- 4) filwaqt li jfakkar il-Konklużjonijiet tiegħu ta' l-24 ta' Mejju 2007 dwar il-kontribut tas-setturi kulturali u kreattivi għall-kisba ta' l-oġġettivi ta' Lisbona <sup>(2)</sup>,
- 5) b'kont meħud ta' l-esperjenza miksuba mill-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' ħidma tal-Kunsill ta' l-2002-2004 u l-2005-2007 <sup>(3)</sup>,
- 6) b'kont meħud tar-riżultati ta' l-Ewwel Forum Kulturali għall-Ewropa, li nżamm f'Lisbona fis-26 u s-27 ta' Settembru 2007,
- 7) konvint li l-kultura u l-ispeċifità tagħha, inkluż il-multilingwiżmu huma elementi ċentrali tal-proċess Ewropew ta' integrazzjoni bbażat fuq valuri komuni u wirt komuni — proċess li jirrikonoxxi, jirrispetta u jippromovi d-diversità kulturali u r-rwol trasversali tal-kultura,
- 8) filwaqt li jisħaq li l-kultura u l-kreattività huma strumenti importanti għall-iżvilupp personali, il-koeżjoni soċjali, it-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien ta' impjiegi, l-innovazzjoni u l-kompetittività,
- 9) filwaqt li jikkondividi l-fehma li r-rwol tal-kultura għandha tiġi rikonoxxuta aħjar fl-Aġenda ta' Lisbona fiċ-ċiklu l-ġdid li ser tidħol fih fl-2008,
- 10) filwaqt li jikkunsidra li l-kultura għandu jkollha rwol importanti fir-relazzjonijiet esterni ta' l-UE bħala mezz għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali,
- 11) filwaqt li jissottolinja l-konnessjoni importanti bejn il-kultura u l-iżvilupp, u jilqa' rwol aktar pro-attiv mill-Istati Membri u l-Komunità Ewropea fil-kuntest ta' l-assistenza esterna rispettiva tagħhom, sabiex jitħaddan il-ħolqien ta' settur kulturali dinamiku fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u b'kont meħud tas-suġġeriment mill-Kummissjoni biex tittejjeb il-mobilizzazzjoni u d-diversifikazzjoni tal-finanzjament favur aċċess imtejjeb tal-popolazzjoni lokali għall-kultura, u ta' prodotti kulturali ta' dawh il-pajjiżi għas-swieq Ewropej,
- 12) filwaqt li jisħaq l-importanza tat-titjib tad-djalogu interkulturali fil-livell internazzjonali, inkluż ma' pajjiżi f'sitwazzjoni ta' fraġilità, u li jiġu inklużi atturi mhux governattivi sabiex jiġi promoss għarfien u fehim akbar,

## AĠENDA EWROPEA GĦALL-KULTURA

1. JILQA' l-proposta tal-Kummissjoni li titfassal Aġenda Ewropea għall-Kultura, li hija kkunsidrata bħala pass importanti lejn l-iżvilupp sostnut tal-kooperazzjoni fil-qasam kulturali u fit-tkabbir tal-koerenza u l-viżibbiltà ta' l-azzjoni Ewropea f'dan il-qasam, filwaqt li jissaħħaħ ir-rwol trasverali tal-kultura;

<sup>(1)</sup> 9496/07 u d-dokument ta' ħidma li jakkompanjah li jelenka l-azzjonijiet tal-Komunità fil-qasam tal-kultura (Doc. 9496/07 ADD1).

<sup>(2)</sup> 9021/07

<sup>(3)</sup> ĠU C 162, 6.7.2002 u 13839/04

**Objettivi strateġiċi**

2. JAPPROVA t-tliet objettivi strateġiċi mniżżla fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bi ħsieb li tiġi mfassla l-Aġenda Ewropea għall-Kultura kondiviża, jiġifieri:
- il-promozzjoni tad-diversità kulturali u tad-djalogu interkulturali;
  - il-promozzjoni tal-kultura bħala katalizzatur għal kreattività fil-qafas ta' l-Istrateġija ta' Lisbona għat-tkabbir, l-impjiegi, l-innovazzjoni u l-kompetittività;
  - il-promozzjoni tal-kultura bħala element essenzjali fir-relazzjonijiet internazzjonali ta' l-Unjoni;

**Objettivi Speċifiċi**

3. JAQBEL li dawk it-tliet objettivi strateġiċi jiġu speċifikati kif ġej:

**A. FIR-RIGWARD TAL-PROMOZZJONI TAD-DIVERSITÀ KULTURALI U TAD-DJALOGU INTERKULTURALI:**

- it-ttejjig tal-mobilità ta' l-artisti u ta' professjonisti oħra fil-qasam kulturali,
- il-promozzjoni tal-wirt kulturali, notament permezz tal-faċilitazzjoni tal-mobilità tal-kollezzjonijiet u t-tħaddin tal-proċess ta' diġitalizzazzjoni, bil-ħsieb li jittejjeb l-aċċess pubbliku għad-diversi forum ta' espressjonijiet kulturali u lingwistiċi,
- il-promozzjoni tad-djalogu interkulturali bħala proċess sostenibbli li jikkontribwixxi għall-identità, iċ-ċittadinanza u l-koeżjoni soċjali Ewropea, inkluż permezz ta' l-iżvilupp tal-kompetenzi interkulturali taċ-ċittadini;

**B. FIR-RIGWARD TAL-PROMOZZJONI TAL-KULTURA BĤALA KATALIZZATUR TAL-KREATTIVITÀ:**

- il-promozzjoni ta' użu aħjar tas-sinerġiji bejn il-kultura u l-edukazzjoni, b'mod partikolari permezz tat-ttejjig ta' l-edukazzjoni ta' l-arti u l-parteċipazzjoni attiva f'avvenimenti kulturali bil-ħsieb li tiġi żviluppata l-kreattività u l-innovazzjoni,
- il-promozzjoni tad-disponibilità ta' kapaċitajiet ta' ġestjoni, ta' negozju u taħriġ intraprenditorjali speċifikament imfassla lill-professjonisti fl-oqsma kulturali u kreattivi,
- it-tħaddin ta' ambjent favorevoli għall-iżvilupp ta' industrijiet kulturali u kreattivi, inkluż is-settur awdjoviżiv, biex b'hekk jiġi massimizzat il-potenzjal tagħhom, b'mod partikolari dak ta' l-SMEs, notament permezz ta' użu aħjar mill-programmi u l-inizjattivi eżistenti u permezz ta' l-istimulazzjoni ta' sħubiji

kreattivi bejn is-settur kulturali u setturi oħra, inkluż fil-kuntest ta' l-iżvilupp lokali u reġjonali;

**Ċ. FIR-RIGWARD TAL-KULTURA BĤALA ELEMENT VITALI TAR-RELAZZJONIJET INTERNAZZJONALI:**

- it-titjib tar-rwol tal-kultura fir-relazzjonijiet esterni ta' l-UE u l-politika ta' żvilupp ta' l-UE,
- il-promozzjoni tal-Konvenzjoni ta' l-UNESCO dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità ta' l-Espressjonijiet Kulturali u l-kontribuzzjoni għall-implimentazzjoni tagħha fil-livell internazzjonali,
- it-tħaddin tad-djalogu interkulturali u l-interazzjoni bejn is-soċjetajiet ċivili ta' l-Istati Membri ta' l-UE u l-pajjiżi terzi,
- it-ttejjig ta' aktar kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet kulturali ta' l-Istati Membri ta' l-UE, inkluż istituzzjonijiet kulturali, f'pajjiżi terzi u ma' l-omologi tagħhom f'dawk il-pajjiżi;

**Sussidjarjetà u flessibilità**

- JISĦAQ li azzjoni skond dawn l-objettivi għandu jkollha valur miżjud Ewropew reali u għandha titwettaq b'rispett sħiħ għall-prinċipju ta' sussidjarjetà, u li dawn il-linji gwida komuni fil-livell ta' l-UE ma jippreġudikawx id-definizzjoni u l-implimentazzjoni mill-Istati Membri ta' l-objettivi politiki nazzjonali tagħhom;
- JISSOTTOLINJA li dawn l-objettivi għandhom ikunu kkunsidrati bħala qafas flessibbli għall-igwidar ta' azzjoni futura fil-qasam kulturali;

**METODI TA' ĦIDMA****Djalogu mas-settur kulturali**

- JAQBEL li djalogu kontinwu, mibni fuq diversi livelli u flessibbli mal-partijiet interessati kulturali u f'konsultazzjoni mas-settur fil-livelli kollha (lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew) huwa essenzjali kemm għall-iżvilupp kif ukoll għall-implimentazzjoni ta' Aġenda Ewropea għall-Kultura;
- JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tidentifika interlokuri rappreżentattivi mis-settur u li twettaq studju tas-settur, sabiex tistabbilixxi kanali ta' komunikazzjoni u biex tistruttura d-djalogu mal-partijiet interessati;
- JAQBEL minħabba l-impatt pożittiv ta' l-ewwel Forum Kulturali li nżamm f'Lisbona fis-26 u s-27 ta' Settembru 2007 li l-interazzjoni ma' u fis-soċjetajiet ċivili kemm fil-livelli nazzjonali kif ukoll dak Ewropew hija element maġġuri fil-ġbir tal-fehmiet tal-partijiet interessati fil-kuntest ta' l-eżerċizju regolari ta' rappurtar;

**Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni**

9. JIKKUNSIDRA li l-approċċ il-ġdid propost mill-Kummissjoni għall-kooperazzjoni fil-qasam tal-kultura, jiġifieri l-użu tal-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni (OMC) b'mod speċifikament adattat u b'kont meħud ta' l-ispeċifitàtiet tas-settur, ser jipprovdi qafas flessibbli u li ma jorbotx għall-istrutturar tal-kooperazzjoni madwar l-oġettivi strateġiċi ta' l-Aġenda Ewropea għall-Kultura u għat-tħaddin ta' l-iskambju ta' l-aħjar prattiki;
10. JIDDEĊIEDI li:
- l-OMC ser tiġi applikata bl-użu ta' approċċ flessibbli adattat għall-qasam kulturali, b'rispett sħiħ għall-kompetenzi ta' l-Istati Membri, inkluż dawk ta' l-awtoritajiet reġjonali u lokali tagħhom u skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà. Il-parteċipazzjoni ta' l-Istati Membri fl-azzjonijiet u l-proċeduri kkonċernati ser tkun volontarja;
  - fl-implimentazzjoni ta' l-OMC, ser tingħata attenzjoni speċjali għall-ħtieġa li jiġi minimizzat il-piż finanzjarju u amministrattiv fuq id-diversi setturi, skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fit-Trattat KE <sup>(1)</sup>;
  - l-oġettivi ta' l-Aġenda Ewropea għall-Kultura ser jiġu implimentati permezz ta' pjanijiet ta' ħidma triennali li jkopru numru limitat ta' oqsma prijoritarji, li l-Kunsill jiddetermina bħala xierqa għall-qafas ta' l-OMC fil-perjodu ta' żmien korrispondenti. Abbażi ta' dawk l-oqsma ta' prijorità, il-Kummissjoni ser tipproponi azzjonijiet speċifiċi għall-pjanijiet ta' ħidma li ser jiġu diskussi, supplimentati, aġġornati u, fejn hu meħtieġ, endorsjati mill-Kunsill tal-Ministri;
  - il-Kunsill, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, għandu jkollu rwol ċentrali fl-iżgurar tal-kontinwità u s-segwitu ta' l-oqsma prijoritarji għall-azzjoni u fiż-żamma tal-momentum tal-proċess;
  - wara li tkun ikkonsultat lill-korp kompetenti tal-Kunsill [il-Kumitat dwar l-Affarijiet Kulturali] il-Kummissjoni ser theggi rapport dwar il-progress li għandu jiġi sottomes lill-Kunsill abbażi, fost affarijiet oħra, ta' l-informazzjoni pprovduta volontarjament mill-Istati Membri skond il-prinċipji mniżżla f'10a) u b) hawn fuq;

- sabiex jissaħħu l-għarfien u l-viżibbiltà ġenerali tal-kooperazzjoni kulturali fil-livell Ewropew, l-atturi kulturali u l-pubbliku ġenerali ser jiġu informati dwar l-oġettivi u l-azzjonijiet prijoritarji tal-pjan ta' ħidma;
- JAQBEL, f'konformità mal-Paragrafu 10ċ, li l-pjan ta' ħidma għall-perjodu 2008-2010 ser jikkonċentra fuq l-oqsma prijoritarji għall-azzjoni mniżżla fl-Anness;
  - Il-Kunsill jista', f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, jirrevedi l-applikazzjoni ta' l-OMC fil-qasam kulturali fid-dawl tal-progress li jkun sar, u b'konsiderazzjoni ta' l-eżerċizzju ta' rappurtar u evalwazzjoni msemmi fil-paragrafu e) hawn fuq;
  - Il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Regġuni għandhom jinżammu informati bl-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' ħidma;

**Aspetti orizzontali**

- JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tkompli l-ħidma tagħha fil-qasam ta' l-istatistika kulturali f'termini ta' definizzjonijiet u metodoloġiji bil-ħsieb li tinkiseb il-komparabbiltà tad-data statistika biex jiġu appoġġati t-tfassil tal-politika u l-azzjonijiet ibbażati fuq l-evidenza;
- JILQA' l-ħolqien mill-Kummissjoni ta' grupp bejn is-servizzi biex ikun żgurat aħjar li l-aspetti kulturali jiġu kkunsidrati fl-azzjoni tagħha f'dispożizzjonijiet oħra tat-Trattat, kif stabbilit mill-Artikolu 151(4) tat-Trattat tal-KE;
- JIRRAKKOMANDA, li l-interazzjoni bejn l-aspetti kulturali u l-linji politiċi l-oħra tal-Komunità tissaħħa, permezz tal-koordinazzjoni bejn il-konfigurazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill dwar kwistjonijiet li għandhom impatt fuq il-kultura u permezz tal-ħolqien ta' mekkaniżmu effettiv u koerenti għar-rappurtar regolari dwar u s-segwitu ta' aspetti kulturali taħt dispożizzjonijiet oħra tat-Trattat;
- JISTIEDEN lill-Kunsill Ewropew biex jadotta dawn il-konklużjonijiet li jipprovdu qafas għal Aġenda Ewropea għall-Kultura.

<sup>(1)</sup> L-Artikolu 5 tiegħu hekk kif interpretat mill-Protokoll Nru 30 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità anness għat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, notament il-Punt 9 tiegħu.

## ANNEX

## OQSMA PRIJORITARJI GĦALL-AZZJONI GĦALL-PERIJODU 2008-2010

Skond id-dispożizzjonijiet tal-Paragrafi 10 ċ) u 11 ta' hawn fuq, l-oqsma prijoritarji li ġejjin ser jiġu mmirati fil-kuntest ta' l-oġettivi strateġiċi ta' l-Aġenda Ewropea għall-Kultura:

- it-titjib tal-kondizzjonijiet għall-mobbiltà ta' l-artisti u ta' professjonisti oħra fil-qasam kulturali,
  - il-promozzjoni ta' l-aċċess għall-kultura, b'mod partikolari permezz tal-promozzjoni tal-wirt kulturali, il-multilingwiżmu, id-diġitizzazzjoni, it-turiżmu kulturali, sinerġiji ma' l-edukazzjoni, speċjalment l-edukazzjoni ta' l-arti u l-mobbiltà akbar tal-kollezzjonijiet,
  - l-iżvilupp ta' data, statistika u metodoloġiji komparabbli fis-settur kulturali u t-titjib tal-komparabbiltà tagħhom,
  - il-massimizzazzjoni tal-potenzjal ta' l-industriji kulturali u kreattivi, b'mod partikolari dak ta' l-SMEs,
  - il-promozzjoni u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' l-UNESCO dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità ta' l-Espressjonijiet Kulturali.
-